


In-notifika ta' atti - Spanja

 Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [es](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara b'ħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

LISTA TAL- KONTENUT

- 1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?
- 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?
- 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?
- 4 Tiftix tal-indirizz
 - 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?
 - 4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi f'las irid isir, jekk hemm?
 - 4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?
- 5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (flief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?
- 6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, b'hal-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?
- 7 Notifika "indiretta"
 - 7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?
 - 7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?
 - 7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?
 - 7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu b'hal-effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?
- 8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)
 - 8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?
 - 8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?

- 8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?
- 9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?
- 10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur f'ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?
- 11 Hemm xi f'ħażin għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-f'ħażin?



1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

"In-notifika tad-dokumenti" tfisser it-trażmissjoni tad-dokumenti.

Ir-regoli speċifiċi dwar in-notifika tad-dokumenti jiddeterminaw il-kundizzjonijiet neċessarji għas-sottomissjoni affidabbli ta' dokumenti ġudizzjarji jew ekstraġudizzjarji u għalhekk jindikaw il-ħin, il-post, il-mod u l-persuna li lilha ġie nnotifikat id-dokument, kemm għall-proċedimenti (dokumenti ġudizzjarji) kif ukoll għal daww barra l-qafas tal-proċedimenti (dokumenti ekstraġudizzjarji).

2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu nnotifikati b'mod formali?

Deċiżjonijiet proċedurali adottati fil-proċedimenti ġudizzjarji jridu jiġu nnotifikati formalment mill-Uffiċċji Ġudizzjarji (*oficinas judiciales*) (il-qrati u ċ-Ċentri Komuni għan-Notifika tal-Proċess) (*Servicios Comunes Procesales de Actos de Comunicación*).

Id-dokumenti ġudizzjarji jikkonsistu fi:

1. Notifiki, meta dawn ikunu maħsuba biex javżaw b'deċiżjoni jew proċedura.
2. Ordnijiet ta' azzjoni, li jirrikjedu lid-destinatarju jidher il-qorti u jieħu azzjoni f'ċertu limitu ta' żmien.
3. Ċitazzjonijiet, li jispjefikaw post, data u ħin biex id-destinatarju jidher u jaġixxi.
4. Inġunzjonijiet, biex id-destinatarju jkun ordnat jagħmel jew ma jagħmilx azzjoni partikolari.
5. Mandati, biex jinkisbu ċertifikati jew xhieda jew kwalunkwe att ieħor li jista' jitwettaq minn reġistraturi, nutara jew uffiċjali ġudizzjarji.
6. Memoranda, għall-finijiet ta' komunikazzjoni ma' awtoritajiet ekstraġudizzjarji u uffiċjali.

Kull dokument ammess mill-qorti tul il-proċedimenti, sew jekk ipprovdut mill-partijiet u sew jekk minn partijiet terzi fuq talba tal-qorti jew prodott minn esperti maħtura mill-qorti, iridu jiġu nnotifikati formalment.

Dokumenti ekstraġudizzjarji (pereżempju atti notarili) kif definiti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-223/14 (Tecom Mican) jiġu nnotifikati wkoll formalment, anke fin-nuqqas ta' proċedimenti ġudizzjarji, kif qalet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-14/08 (Roda Golf).

3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Id-dokumenti jiġu nnotifikati taħt id-direzzjoni tar-Registatur tal-Qorti (*Letrado de la Administración de Justicia*) (l-Iskrivan tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja) ta' kull tribunal (sal-2015 kien magħruf b'ħażin "Secretario Judicial" - Segretarju Ġudizzjarju), li jkun responsabbli mill-organizzazzjoni adegwata tan-notifika.

4 Tiftix tal-indirizz

4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

Le, l-awtorità rikjedenti trid titlob il-lokalizzazzjoni tad-destinatarju permezz ta' formola prevista fir-Regolament (KE) Nru 1206/2001

4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?

Spanja ma għandha l-ebda reġistru miftuħ ta' dan it-tip. Madankollu, il-qrati Spanjoli għandhom aċċess għal għadd ta' bażijiet ta' dejta b'aċċess ristrett (magħruf bħala "n-netwerk Punto Neutro Judicial") li jistgħu jużaw biex ifittxu informazzjoni dwar indirizzi u proprjetà, jekk ikun hemm raġuni motivata. B'dan il-mod, f'każ li l-awtorità ġudizzjarja ma tkunx taf l-indirizz ta' persuna fiżika jew ġuridika destinatarja tan-notifika, hija jkollha titlob l-informazzjoni permezz ta' tiftixa fil-bażi ta' dejta disponibbli għall-qrati.

B'ix issir it-tiftixa, l-awtorità jkollha bżonn il-karta tal-identità nazzjonali Spanjola jew id-dettalji ta' identifikazzjoni fiskali ta' persuna barranija residenti Spanja, jew in-numru tal-identità tagħha bħala ċittadin barrani residenti fi Spanja. F'każ li l-persuna investigata ma jkollhiex karta tal-identità Spanjola, l-awtorità jkollha tipprovi informazzjoni addizzjonali flimkien mal-isem u l-kunjom, bħal pereżempju n-numru tal-passaport, id-data tat-twelid jew in-nazzjonalità tad-destinatarju, peress li mingħajr din l-informazzjoni, it-tiftixa tista' ma tagħti l-ebda riżultat. Ma hemm l-ebda ħlas xi jsir għal dan.

Barra minn hekk, il-partijiet jistgħu jużaw Reġistri Pubbliċi oħrajn biex jiksbu l-indirizz. L-aċċess għal dawn ir-Reġistri huwa bi ħlas li jiddependi fuq l-informazzjoni mitluba.

4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?

Ladarba l-awtorità Spanjola kompetenti tirċievi l-Formola A, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001, b' talba għat-tiftix ta' indirizz attwali ta' persuna, l-Uffiċċju Ġudizzjarju jipproċedi bil-konsultazzjoni tal-bażijiet ta' dejta li fihom id-dettalji tal-indirizzi personali jew professjonali.

Jekk ma' dik il-formola tasal ukoll talba għal dokumenti li jridu jiġu notifikati skont ir-Regolament Nru 1393/2007 u f'każ li jirriżulta li l-indirizz ma jkunx fil-kompetenza territorjali tal-awtorità Spanjola, hija trid tgħaddi t-talba lill-aġenzija riċeventi kompetenti u tinforma lill-aġenzija trażmettitriċi b'dan bl-użu tal-formola prevista fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament.

5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?

Taħt it-tmexxija tar-Reġistratur tal-Qorti (*Letrado de la Administración de Justicia*), id-dokumenti jistgħu jiġu notifikati b'wieħed minn dawn il-mezzi:

1. Permezz ta' rappreżentant legali (*procurador*), f'każ ta' dokumenti indirizzati lil persuni rappreżentati minnu fi proċedimenti.
2. Bil-posta, b'telegramma, bil-posta elettronika jew bi kwalunkwe mezz elettroniku ieħor li juri li jkunu waslu, meta u fi xħin waslu u l-kontenut tad-dokumenti notifikati.
3. B'konsenja personali lid-destinatarju ta' kopja verbatim tad-deċiżjoni li trid tiġi nnotifikata lill, l-inġunzjoni maħruġa mill-qorti jew mill-Iskrivan tal-Qorti, jew iċ-ċitazzjoni jew l-ordni ta' aġir.
4. Fi kwalunkwe każ, mill-persunal tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (*Administración de Justicia*), permezz ta' mezzi telekomunikattivi, fi kwistjonijiet li jinvolvu l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Ministerio Fiscal*), tas-Servizz Ġuridiku tal-Istat (*Abogacía del Estado*), il-Konsulenti Legali tal-Parlament Spanjol u l-Assemblej Leġiżlattivi (*Letrados de las Cortes Generales y de las Asambleas Legislativas*), jew is-Servizzi Ġuridiki tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (*Servicio Jurídico de la Administración de la Seguridad Social*), id-dipartimenti governattivi l-oħrajn tal-Komunitajiet Awtonomi jew tal-awtoritajiet lokali, jekk id-destinatarju ma jkunx ħatar prokuratur.

Id-dokumenti jitqiesu bħala li ġew innotifikati b'mod validu meta jkun hemm rekord tan-notifika li turi b'mod adegwat li d-dokumenti kkonċernati ġew innotifikati lill-persuna kkonċernata fl-indirizz ta' daru, fl-indirizz elettroniku awtorizzat għal użu tali, permezz ta' portal tan-notifiki jew permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod jew elettroniki magħżula mid-destinatarju.

6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni elettroniki mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professionist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?

Il-fajls ġudizzjarji elettroniki qiegħdin jiġu introdotti fi Spanja fuq il-bażi tal-Liġi 18/2011 tal-5 ta' Lulju 2011 li tirregola l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fis-Servizzi tal-Qrati.

Għall-iskop ta' implimentazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jinkitbu għall-proċeduri ta' notifika fil-Sedi Ġudizzjarji Elettroniċi (*Sedes Judiciales Electrónicas*).

Skont l-Artikolu 273(3) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, il-professjonisti kollha fis-settur tal-ġustizzja jridu jużaw is-sistemi elettroniċi jew mill-bogħod tas-Servizzi tal-Qrati biex jissottomettu dokumenti (dokumenti promoturi jew oħrajn) u dokumenti oħra, sabiex jiggarrantixxu l-awtentiċità tas-sottomissjoni u jiżguraw li jkun hemm rekord affidabbli u komplut tas-sottomissjoni u tal-irċevuta ta' dawk id-dokumenti, kif ukoll id-data tas-sottomissjoni u rċevuta. F'kull każ, mill-inqas waħda minn dawn l-entitajiet li ġejjin trid tuża l-mezzi elettroniċi meta tikkomunika mas-Servizzi tal-Qrati:

a) persuni ġuridiċi.

b) Entitajiet mingħajr personalità ġuridika.

c) Professjonisti li jaħdmu f'oqsma li jeħtieġu r-reġistrazzjoni f'organizzazzjoni professjonali għal kull formalità u azzjonijiet li jwettqu mas-Servizzi tal-Qrati meta jeżerċitaw l-attivitajiet professjonali tagħhom.

d) Nutara u reġistraturi.

e) Rappreżentanti ta' parti interessata li għandha tikkomunika elettronikament mas-Servizzi tal-Qrati.

f) Uffiċjali fl-amministrazzjoni pubblika għal kull azzjoni u passi li jwettqu minħabba l-pożizzjoni tagħhom.

7 Notifika "indiretta"

7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?

Meta kopja tad-deċiżjoni jew ċitazzjoni tintbagħat b'posta rreġistrata jew telegramma bl-irċevuta, jew bi kwalunkwe mezz ieħor li jagħmilha possibbli li jitniżżel fl-atti rekord affidabbli li n-notifika waslet, id-data tal-wasla tagħha u l-kontenut tad-dokument innotifikat, l-Iskrivan tal-Qorti jrid idañħal fl-atti tal-kawża dikjarazzjoni li tagħti d-dettalji dwar il-konsenja u l-kontenuti tad-dokument, u jehmeż mal-atti tal-kawża, meta jkun xieraq, l-irċevuta, il-mezz ta' kif ġiet irreġistrata l-wasla tan-notifika jew id-dokumentazzjoni pprovduta mill-prokuratur biex juri li effettwa n-notifika.

In-notifika permezz ta' avviż (pubbliku) tista' tiġi awtorizzata fi Spanja biss mill-awtorità ġudizzjarja li tiddeċiedi l-proċedimenti prinċipali, bil-kundizzjoni li tentattivi biex dik il-persuna tiġi nnotifikata fl-indirizzi ġġenerati mit-tiftixiet dwar fejn tista' tinstab ma jkunux irnaxxew (l-Artikolu 164 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). Għaldaqstant, l-Iskrivan tal-Qorti, bħala aġenzija riċeventi ta' talba għal notifika skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007, ma jistax jawtorizza notifika b'avviż (pubbliku) peress li r-rwol tiegħu mhux li jisma' l-kawża fil-proċedimenti prinċipali imma sempliċement li jipprovi assistenza ġudizzjarja.

7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?

Id-dokumenti jitqiesu li jkunu ġew innotifikati ladarba r-rekwiżiti stipulati mil-liġi għal kull tip ta' notifika jkunu ġew issodisfati.

Fi kwalunkwe każ, il-metodi użati jkunu dawk li jagħmluha possibbli li fl-atti tal-kawża jiddañħal rekord tal-wasla tad-dokument innotifikat, meta u fiex ħin wasal u l-kontenut tiegħu.

Meta kopja tad-deċiżjoni jew ċitazzjoni tintbagħat b'posta rreġistrata jew telegramma bl-irċevuta, jew bi kwalunkwe mezz ieħor li jagħmilha possibbli li jitniżżel fl-atti rekord affidabbli li n-notifika waslet, id-data tal-wasla tagħha u l-kontenut tad-dokument innotifikat, l-Iskrivan tal-Qorti jrid idañħal fl-atti tal-kawża dikjarazzjoni li tagħti d-dettalji dwar il-konsenja u l-kontenuti tad-dokument, u jehmeż mal-atti tal-kawża, meta jkun xieraq, l-irċevuta, il-mezz ta' kif ġiet irreġistrata l-wasla tan-notifika jew id-dokumentazzjoni pprovduta mill-prokuratur biex juri li effettwa n-notifika.

7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?

Jekk in-notifika jew id-dokument ma jkunux jistgħu jitwasslu bil-posta, is-servizz postali jħalli nota li tavża lid-destinatarju li intbagħtulu ittra jew dokument u jista' jiġborhom f'perjodu speċifikat mill-uffiċċju postali speċifikat.

Jista' jkun ukoll li jkun sar tentattiv ta' notifika mill-uffiċċjali tal-Uffiċċju Ġudizzjarju, u f'dak il-każ titħalla nota li tispeċifika l-perjodu li matulu d-dokument jista' jinġabar mill-qorti, fil-kaxxa postali tad-destinatarju.

Meta d-destinatarju jkun residenti fid-distrett ġudizzjarju fejn tinsab il-qorti, u d-dokumenti kkonċernati ma jkunux essenzjali għar-rappreżentazzjoni minn avukat jew għar-rappreżentazzjoni personali tiegħu fil-proċedimenti, jistgħu jintbagħtulu, bi kwalunkwe mezz imsemmi fl-ewwel paragrafu, avviż ta' ordni biex jaġixxi li tirrikjedi d-dehra tiegħu l-qorti għall-finijiet tan-notifika ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew miżura proċedurali oħra, il-ħruġ ta' inġunzjoni jew in-notifika tal-eċċezzjonijiet.

L-avviż jispjega fid-dettall dovut, l-għala d-destinatarju jkun meħtieġ jidher il-qorti, jispeċifika l-proċedimenti u l-kawża li l-ordni ta' aġir hija relatata magħha u javża lid-destinatarju bil-fatt li, jekk jonqos milli jidher mingħajr raġuni valida fil-perjodu indikat, in-notifika titqies li tkun saret.

7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika mingħajr raġuni valida, id-dokumenti jitqiesu li jkunu ġew notifikati lilu u jipproduċu l-istess effetti legali bħallikieku aċċettaha, bil-limiti taż-żmien jibdedw jgħoddu mill-għada tar-rifjut (l-Artikolu 161(2) tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili) (*la Ley de Enjuiciamiento Civil*).

8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)

8.1 Jekk is-servizz postali jwassa dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-riċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?

Skont il-liġi, oġġetti postali, skont x'tip ikunu, iridu jew jiġu kkonsenjati lid-destinatarju jew lil persuna awtorizzata minnu, inkella jiġu ddepożitati fil-kaxxi tal-uffiċċju postali jew fil-kaxxi postali residenzjali. Persuna titqies li tkun awtorizzata mid-destinatarju biex taċċetta l-konsenja ta' oġġetti postali fl-indirizz postali tiegħu sakemm tkun tista' tidentifika ruħa u tassumi r-responsabbiltà għall-oġġetti kkonsenjati, sakemm ma joġġezzjonax espressament milli jagħmel hekk.

8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?

Il-liġi trid tistabbilixxi regoli applikabbli għal sitwazzjonijiet fejn oġġetti postali għall-ebda raġuni ma jkunu jistgħu jiġu kkonsenjati lid-destinatarju jew irritornati lill-mittent. Dawn ir-regoli jinkludu dawk li jirregolaw il-proċedura għall-aċċertament tal-indirizz tad-destinatarju, tal-orijini u tad-destinazzjoni tal-oġġetti, is-smiġħ fil-qorti jew it-taħrik tal-mittent tal-oġġetti, u l-ħażna temporanja, l-irkupru u d-distruzzjoni tal-oġġetti.

8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Il-pustier iħalli nota li tinforma lid-destinatarju li hemm ittra x'jiġbor mill-uffiċċju postali indikat u fil-limitu taż-żmien indikat. Jekk l-oġġett ma jibqa' ma jinġabarx fil-ħin, dan jiġi mmarkat u l-oġġett jiġi rritornat lill-mittent.

9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?

L-operatur postali magħżul ikun preżunt li aġixxa b'mod onest u affidabbli fid-distribuzzjoni, il-konsenja u l-wasla tal-proċess mill-korpi amministrattivi u ġudizzjarji, jew f'każ ta' rifjut ta' aċċettazzjoni, jew impossibilità li tiġi effettwata, in-notifika ta' dak il-proċess, b'mezzi fiżiċi jew telekomunikattivi.

Notifika personali mill-persunal tal-qorti tiġi ddokumentata f'reġistru bil-miktub fejn l-uffiċjal tal-qorti jindika l-eżitu tal-att tan-notifika. Jekk in-notifika tkun tista' ssir lid-destinatarju stess, ir-rekord tan-notifika jkun jinkludi l-firma tad-destinatarju jew indikazzjoni tar-rifjut li jiffirma għaliha, flimkien ma' nota li tgħid li jitqies li ġie nnotifikat (ara l-mistoqsija 7.4).

Skont l-Artikolu 160(3) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, jekk l-indirizz fejn isir it-tentattiv ta' notifika jkun l-indirizz ta' dar id-destinatarju skont ir-reġistru municijali tal-indirizzi, għal finijiet ta' taxxa jew skont kwalunkwe reġistru ufficijali ieħor jew pubblikazzjoni ta' assoċjazzjoni kummerċjali, jew tkun akkomodazzjoni residenzjali jew kwalunkwe bini mikri lill-konvenut, u d-destinatarju ma jkunx jista' jinstab hemmhekk, in-notifika tista' ssir, f'envelop issiġġillat, lil kwalunkwe impjegat jew membru tal-familja jew persuna li jikkoabitat magħha, ta' l-fuq minn 14-il sena, li tkun f'dak l-indirizz, jew lil min jieħu ħsieb dak il-bini, jekk ikun hemm. Fi kwalunkwe każ, min ikun qed jeffettwa n-notifika jrid jinforma lir-riċevitur li huwa obligat jgħaddi l-kopja tad-deċiżjoni jew taħrika lill-persuna li hi indirizzata lilha, jew li tinnotifika lill-persuna bl-eżistenza tagħha, jekk ikun jaf fejn tinsab, u fi kwalunkwe każ irid javża lir-riċevitur bir-responsabbiltà tiegħu biex iħares id-dejta tad-destinatarju.

Jekk id-dokument ikun indirizzat lill-post tax-xogħol mhux każwali tad-destinatarju, jekk id-destinatarju jkun assenti, tiġi nnotifikata lil persuna li tiddikjara li tkun tafu jew, jekk ikun hemm unità responsabbli biex tirċievi dokumenti jew oġġetti, lill-persuna inkarigata b'dik l-unità. F'dak il-każ min ikun qed jeffettwa n-notifika jrid javża lir-riċevitur bil-punti msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Isem id-destinatarju tad-dokument u meta u l-ħin tat-tentattiv tan-notifika imma d-destinatarju ma kienx hemm, jiddaħħal fir-reġistru tan-notifika, flimkien ma' isem il-persuna li tkun irċeviet il-kopja tad-deċiżjoni jew it-taħrika u r-relazzjoni tagħha mad-destinatarju. Kull dokument innotifikat b'dan il-mod ikun kompletament effettiv.

10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?

Notifika li ma ssirx skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu tkun invalida, peress li jista' jkun li l-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tiddefendi ruħha sew. Skont il-ġurisprudenza tal-QtĠUE (Kawża C-354/15 Henderson), jekk xi notifikati ma jkunux ġew akkumpanjati minn traduzzjoni jew f'lingwa li jifhem il-konvenut, jew fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru rikjest, jew fejn hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda f'dak l-Istat Membru, fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn trid issir in-notifika, jew jekk il-formola standard stabbilita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ma ġietx trażmessa lill-konvenut, irid ikun hemm rimedju għal dawn in-notifikati skont dak ir-Regolament billi l-parti interessata tingħata l-formola standard li hemm fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

11 Hemm xi f'has għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-f'has?

Meta n-notifika ssir minn qorti, l-Uffiċċju Ġudizzjarju jew iċ-Ċentru tal-Proċess Komuni, l-ispejjeż tan-notifika jifhallsu mill-korp ġudizzjarju rilevanti. Min jitlob in-notifika ma jkollu jħallas xejn.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 10/04/2018